Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 211/21**
il-Lussemburgu, 25 ta’ Novembru 2021

Sentenza fil-Kawża C-289/20
IB (Residenza abitwali ta’ konjuġi - Divorzju)

# Ġurisdizzjoni sabiex tittieħed konjizzjoni ta’ talba għal divorzju: il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża s-sens u l-portata tal-kunċett ta’ « residenza abitwali » ta’ konjuġi

*Tali kunċett jimplika li konjuġi, anki jekk jaqsam ħajtu bejn żewġ Stati Membri, jista’ jkollu biss residenza abitwali waħda*

IB, ta’ nazzjonalità Franċiża, u FA, ta’ nazzjonalità Irlandiża, iżżewġu fl-Irlanda fl-1994. Huma kellhom tlett itfal issa maġġorenni. Fl-2018, IB ippreżenta rikors għal divorzju quddiem it-tribunal de grande instance de Paris (il-Qorti Reġjonali ta’ Pariġi, Franza). Peress li din il-qorti ddikjarat li ma għandhiex ġurisdizzjoni territorjalment biex tiddiċiedi dwar id-divorzju, IB adixxa lill-cour d’appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta’ Pariġi). Din il-qorti hija msejħa tevalwa l-ġurisdizzjoni tat-tribunal de grande instance de Paris fir-rigward tar-residenza abitwali ta’ IB, skont ir-Regolament Brussell IIa [1]. F’dan id-dawl, hija tindika, b’mod partikolari, li n-numru ta’ elementi li jikkaratterizzaw ir-rabta personali u familjari ta’ IB fl-Irlanda, fejn huwa kien jgħix mill-1999 mal-konjuġi tiegħu u ma’ wliedu. Madankollu, hija tirrileva wkoll li, sa minn diversi snin, IB kien jitlaq il-ġimgħat kollha fi Franza, fejn huwa kien stabbilixxa ċ-ċentru tal-interessi professjonali tiegħu. B’hekk, din il-qorti tqis li IB kellu, fattwalment, żewġ residenzi, jiġifieri waħda fil-ġimgħa stabbilita għal motivi professjonali f’Pariġi, u l-oħra l-bqija tal-ħin mal-konjuġi tiegħu u ma’ wliedu fl-Irlanda.

Huwa f’dan il-kuntest li l-cour d’appel de Paris adixxa lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddetermina l-qrati li għandhom ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu dwar id-divorzju ta’ IB u FA, skont l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Brussell IIa. B’mod partikolari, hija titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk konjuġi li jaqsam il-ħajja tiegħu bejn żewġ Stati Membri jistax ikollu r-residenza abitwali tiegħu f’dawn iż-żewġ Stati Membri, b’mod li l-qrati ta’ dawn iż-żewġ Stati Membri għandhom ġurisdizzjoni biex jiddiċiedu dwar id-divorzju.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-kunċett ta’ “residenza abitwali” ta’ konjuġi u tiddeċiedi li dan, anki jekk jaqsam il-ħajja tiegħu bejn żewġ Stati Membri, jista’ ikollu biss residenza abitwali waħda, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Brussell IIa.

## Evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-assenza ta’ definizzjoni tal-kunċett ta’ “residenza abitwali” fir-Regolament Brussell IIa jew ta’ riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri f’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tistabbilixxi li dan il-kunċett għandu jiġi interpretat b’mod awtonomu u uniformi. Hija tirrileva b’mod partikolari li la l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Brussell IIa u lanqas dispożizzjonijiet oħra tiegħu ma jipprevedu li persuna tista’, fl-istess ħin, ikollha diversi residenzi abitwali jew residenza abitwali f’diversi postijiet. Tali pluralità tippreġudika b’mod partikolari ċ-ċertezza legali, billi trendi iktar diffiċli d-determinazzjoni minn qabel ta’ qrati li jistgħu jiddeċiedu dwar id-divorzju kif ukoll il-verifika, mill-qorti adita, tal-ġurisdizzjoni tagħha stess.

Sussegwentement, billi tieħu sostenn fuq il-ġurisdizzjoni tagħha dwar ir-residenza abitwali ta’ wild [2], il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-kunċett ta’ “residenza abitwali”, għall-finijiet tad-determinazzjoni

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta’ Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta’ sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta’ responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243, rettifika fil-ĠU 2013, L 82, p. 63).
[2] Ara, b’mod partikolari, is-sentenza tat-28 ta’ Ġunju 2018, HR, C-512/17.

tal-ġurisdizzjoni f'materja ta' xoljiment tar-rabta matrimonjali, hija kkaratterizzata, bħala prinċipju, minn żewġ elementi, jiġifieri, minn naħa, ir-rieda tal-persuna kkonċernata li tistabbilixxi ċ-ċentru abitwali tal-interessi tagħha f'post determinat u, min-naħa l-oħra, preżenza li għandha grad suffiċjenti ta' stabbiltà fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

B'hekk, konjuġi li jinvoka, bħala rikorrent, il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Stat Membru tar-residenza abitwali tiegħu, bis-saħħa tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Brussell IIa, għandu neċessarjament ikun ittrasferixxa r-residenza abitwali tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru barra minn dak tar-residenza konjugali l-antika. Għalhekk huwa għandu jimmanifesta r-rieda li jistabbilixxi ċ-ċentru abitwali tal-interessi tiegħu f'dan l-Istat Membru l-ieħor u jkun wera li l-preżenza tiegħu f'dan l-Istat Membru turi grad suffiċjenti ta' stabbiltà.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tenfasizza li ċ-ċirkustanzi partikolari madwar id-determinazzjoni tar-residenza abitwali ta' konjuġi. B'hekk, meta konjuġi jiddeċiedi li jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru ieħor minħabba kriżi konjugali, huwa jibqa' liberu li jżomm ir-rabtiet soċjali u familjari fl-Istat Membru ta' residenza konjugali antika. Barra minn hekk, l-ambjent ta' adult huwa iktar varjat minn dak ta' wild, kompost minn firxa ta' attivitajiet iktar wiesa' u ta' interessi diversi, u ma jistax ikun meħtieġ li dan jikkonċentra ruħu fit-territorju ta' Stat Membru wieħed biss.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li, għalkemm konjuġi jista' fl-istess ħin ikollu diversi residenzi, huwa jista' jkollu biss, f'mument determinat, residenza abitwali waħda biss fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Brussell IIa. Għaldaqstant, meta konjuġi jaqsam il-ħajja tiegħu bejn żewġ Stati Membri, huma biss il-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinsab din ir-residenza abitwali li għandhom ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu fuq it-talba għax-xoljiment tar-rabta matrimonjali. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, abbażi taċ-ċirkustanzi kollha tal-fatt proprja f'dan il-każ, jekk it-territorju tal-Istat Membru li huwa jaqa' taħthom jikkorrispondix, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Brussell IIa, għal-lok fejn IB ittrasferixxa r-residenza abitwali tiegħu.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*